SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 28/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 21/03/'07** **217**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 21/03/'07** **270**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 pm.

1.03 Preżenti: is-Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien hemm preżenti ukoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-15 ta' Marzu 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti.
2. Korrispondenza
3. Budget / Business Plan
4. Impieg ta' Skrivana
5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6. Approvazzjoni ta' Request Sheets.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 25/K5/07, 26/K5/07 u 27/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 25/K5/07, 26/K5/07 u 27/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa Item 3 ta' l-aġenda qabel item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.3.07 Il-Kunsillier Norman Vella wasal fis-2.10 p.m.

**3. Budget / Business Plan**

3.01 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata rigward l-estimi għas-sena finanzjarja 2007- 2008 (Ara Appendiċi 'A') u nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ma ġie nkluż ebda dħul li jista' jidħol mill-LES.

3.02 Saret riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari li saret rigward l-ammont ta' flus li tħallas għal ċitazzjonijiet li saru f'San Ġiljan u ġie ssuġġerit li fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt jiġi ċċarat dan il-punt sabiex il-pubbliku ma jkunx sgwidat.

3.03 Ġie deċiż unanimament li ċ-Chairman jinforma lill-Kumitat Konġunt fl-ewwel laqgħa li jmiss biex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

3.04 Ġie deċiż unanimament illi jekk ikun hemm dħul suffiċjenti mis-sistema ta' l-L.E.S. din is-sena jiġu allokati Lm 5000.00 biex jinxtara van għall-użu tal-Kunsill. Għaldaqstant għandhom jibdew il-proċeduri sabiex jinħareġ tender.

3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Budget.

3.06 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Business Plan**

3.08 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni fir-rigward il-Business Plan (Ara Appendiċi 'B').

3.09 Wara diskussjoni l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Business Plan.

3.10 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 Filwaqt li l-Kunsill irringrazzja lis-sur Padovani talli attenda l-laqgħa dan ġie skużat fis-2.45p.m

**2. Korrispondenza**

2.1 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 402& K119 | Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri, Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar rigward Landscaping f'Ta'Ġiorni u ittra li l-Kunsill bagħat lill MP&DC. |
| 442, 869 & K214 | E-Mails mingħand Schranz Ltd rigward vandaliżmu li qed isir fil-ġnien Ta' Ġiorni u ittra li ntbagħtet lill-Perit Anton Camilleri. |
| 558 | Ittra mingħand il-Merlin Library rigward il-Ktieb Teżor. |
| 559 | Ittra mingħand il-Kap ta' l-iskola Primarja Dun Ġużepp Xerri rigward tindif taż-żona ma ġemb l-iskola fi Triq Mikiel Ang Borg. |

595 Ittra mingħand l-Għaqda Nisa Ġiljaniżi dwar it-tletin sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda.

618 Ċirkulari 8/2007 mingħand l-AKL rigward devoluzzjoni ta' dawl.

747 E-Mail mingħand il-Malta Tourism Society rigward *Weblinks Contribution.*

779 & 852 K1112 Risposti mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-MEPA rispettivament rigward Triq Alfred Gauci k/m Trejqet il-Bajja.

888 Ittra mingħand is-Sur Andrew Borg rigward kotba li ser jiġu ppubblikati biex jibqa' mfakkar Dun Anton Sciberras.

907 Ittra ta' riżenja mingħand Ms Lynette Portelli.

936 Ittra mingħand San Giuliano Catering Ltd rigward *'Proposed tiling of public stairs on hill leading to Spinola Bay Boathouses*'

947&1235 E-mail mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq u ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward proposti ta' tismija ta' triq ġdida.

994 Ittra mingħand il-Malta Red Cross rigward First Aid Courses.

1032 Draft ta' *Spinola Agreement* mingħand is-Sur Oliver Lautier.

1107 Ittra mingħand Impetus Consulting Group Ltd rigward *EU affairs and funding programmes.*

1131 Ittra mingħand Coleiro General Supplies Ltd rigward parking riservat bil-ħinijiet quddiem il-ħanut f'Telgħat B'Kara.

1149 Kwotazzjoni mingħand S.M.W. Cortis Ltd.

1171 Ittra mingħand The Gardens, St. Julians and Environs Preservation Group rigward il-proġett f'Pender Place.

1196 Ittra mingħand il-Perit Lino Cachia rigward Site Inspection – 'Stella Alpina' Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan.

1229 Kwotazzjoni mingħand l-A.L.M. Garage rigward estensjoni tas-servizz ċirkulari għal toroq oħra f'San Ġiljan.

1309 Ittra mingħand il-Bernard Hotel rigward il-bankina fi Triq Santu Wistin.

1319 Ittra mingħand il-Melita F.C. rigward talba għal għajnuna finanzjarja.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.01 Rif. Nru. 402 & K119

B'riferenza għall-korrispondenza rigward Landscaping f'Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li tintbagħat l-istima li għamel il-Perit tal-Kunsill lill-Perit Anton Camilleri.

2.02 Rif. Nru. 442, 869 & K214

B'riferenza għall-ittra li bagħat Schranz Ltd rigward il-vandaliżmu f'Ta' Ġiorni Playing Field inġibdet l-attenzjoni għal ittra li l-Kunsill bagħat lill-Perit Anton Camilleri sabiex tingħata għajnuna finanzjarja biex isir security fence.

2.03 Rif. Nru. 558

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Merlin Library rigward il-Ktieb Teżor ġie deċiż li qabel ma tittieħed xi deċiżjoni l-Kunsilliera Irene Borg tivverifika kemm hemm tfal li ser jibdew il-kinder fl-iskejjel tal-lokalita'.

2.04 Rif. Nru. 559

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Surmast ta' l-iskola Dun Ġużepp Xerri rigward it-tindif li sar taż-żona ma' ġemb l-iskola, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrimburża lill-iskola l-ispejjeż tal- Gwardjani Lokali, jiġifieri Lm20.40.

2.05 Rif. Nru. 595

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Nisa Ġiljaniżi f'għeluq it-tletin sena mit-twaqqif ta' l-istess Għaqda ġie deċiż unanimament illi jingħataw Lm100 sabiex

b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jinħareġ magażine dwar is-servizzi tagħhom fil-lokalita'.

2.06 Rif. Nru. 888

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Andrew Borg rigward publikazzjoni ta' ktieb biex jiġi mfakkar Dun Anton Sciberras ġie deċiż unanimament li jinxtraw 25 ktieb għall-ammont ta' Lm100 u 5 minnhom jiġu ppreżentati lil-librerija ta' l-iskola primarja Dun Ġużepp Xerri.

2.07 Rif. Nru. 936

B'riferenza għall-ittra mingħand is-San Giuliano Catering Ltd rigward proposta biex isir *tiling of public stairs on hill leading to Spinola Bay boathouses* iċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-iżviluppaturi għad iridu jibagħtu aktar dettalji iżda sa llum għadhom ma bagħtu xejn.

2.08 Rif. Nru. 947 & 1235

Saret riferenza għall-ittra tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar il-proposti li saru mill-Kunsilli Lokali ta' Pembroke u San Ġiljan rigward tismija ta' triq ġdida. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibqa' jinsisti li din it-triq tissemma Triq l-Unjoni Ewropea u li jiġi nfurmat il-Kunsill Lokali Pembroke.

2.09 Rif. Nru. 994

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Malta Red Cross dwar diversi korsijiet li jorganizzaw ġie deċiż unanimament li tiġi mitluba aktar informazzjoni sabiex isir avviż fuq il-magażine tal-Kunsill.

2.10 Rif. Nru. 1032

B'riferenza għal ftehim emendat tal-Ġnien Spinola ġie deċiż unanimament li dan id-dokument jiġi ffirmat.

2.11 Rif. Nru. 1107

B'riferenza għall-ittra mingħand L-Impetus Europe Consultancy Group Ltd ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jaċċettax li jitħallas minimum charge għal dawn it-tip ta'

servizzi iżda jkun lest li jħallas ‘success fee’ jekk jintlaħaq xi ftehim.

2.12 Rif. Nru. 1131

B’riferenza għall-ittra mingħand Coleiro General Supplies ġie deċiż li l-Kunsillier Norman Vella javviċina lis-Sur Mario Fava biex jara xi jrid eżatt qabel ma tiġi kkunsidrata t-talba tiegħu.

2.13 Rif. Nru. 1149

B’riferenza għall-istima biex isir il-bridge ta’ l-injam li hemm nieqes max-Xatt, in-naħa ta’ Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Kunsill ġie nfurmat verbalment minn rappreżentant ta’ l-M.T.A li hemm il-ħsieb li dan isir min-naħa tat-Turiżmu.

2.14 Rif Nru. 1196

B’riferenza għas-site inspection li saret fi Triq il-Fraxxnu mill-Perit tal-Kunsill ġie deċiż unanimament li r-resident ta’ “Stella Alpina” jiġi nfurmat li x-xogħol ser isir mill-kuntrattur tal-Kunsill b’kundizzjoni li jekk jirriżulta illi qatt ma kien jesisti l-overflow jinżamm responsabbli li jħallas l-ispejjeż kollha nvoluti. Dan ix-xogħol isir biss jekk il-Kunsill jirċievi konferma bil-miktub mingħand ir-resident.

2.15 Rif Nru. 1229

B’riferenza għal kwotazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand l-A.L.M. Garage dwar l-estensjoni tar-rotta tal-‘mini van’ ġie deċiż unanimament illi:

- Mill-flus li l-Kunsill għandu jirċievi mis-sistema ta’ l-L.E.S. jiġu allokati Lm 1000.00 għall-estensjoni ta’ dan is-servizz.
- Tiġi aċċettata l-kwotazzjoni.
- Meta jidħol mit-Triq Ta’ Ġiorni jasal sar-razzett u joħroġ lura minn Triq Claire E. Engel.

2.16 Rif. Nru. 1309

B'riferenza għall-ittra mingħand Hotel Bernard Ltd ġie deċiż illi s-Sindku jmur 'on site'.

2.17 Rif Nru. 1319

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Melita Football Club u ġie deċiż unanimament illi:-

- Mill-flus li l-Kunsill għandu jirċievi mis-sistema ta' l-L.E.S. jiġu allokati Lm 1000.00 fil-vot ta' l-'Other Community Services', Numru tal-vot 3382.

- Minn dawn il-Kunsill jixtri s-servizz tal-Melita Football Club, għall-ammont ta' Lm500, biex jingħata kowċing liż-żgħażagħ.

## 4. Impieg ta' Skrivana

4.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi wara li l-iskrivana Lynette Portelli tat ir-riżenja tagħha u wara li l-Kunsilliera kollha ġew infurmati tkomplew il-proċeduri ta' l-ETC biex tiġi mpjegata skrivana oħra. Fost l-applikanti kollha applikat Ms Roberta Sammut. Din minbarra li għandha r-rekwiżiti skond l-A.L. 127 ta' l-1998 għandha ukoll sitt snin esperjenza fl-istess Kunsill. Għalhekk qed jiġi rrakkomandat li tiġi mpjegata mal-Kunsill mill-1 ta' April 2007 fuq il-massimu ta' Scale 13 bħal ma kienet meta kienet impjegata mal-Kunsill.

4.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona li tiġi mpjegata Ms Roberta Sammut.

4.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Dwar l-iskala tas-salarju ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li qabel unanimament li Ms Sammut tingħata massimu ta' Scale 13 u jekk hemmx xi oġġezzjoni għal dan.

## 5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Ġie deċiż unanimament li sakemm il-Kunsill ma jkollux oġġezzjoni jibqgħu jsiru l-pagamenti tal-kontijiet li l-Kunsill jirċievi bejn laqgħa u oħra. F'każijiet fejn kontijiet iridu jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager dawn jitħallsu wara li jiġu ċċertifikati.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2213 sal 2240 għall approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.06 Il-Kunsilliera Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

6.07 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

6.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7. Materji oħra**

7.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera:-

✓ li ser jibdew ix-xogħolijiet ta' tisbiħ mil-Ministeru tat-Turiżmu fil-Pjazza Ġuże Tanti (in-naħa tal-Park Towers) u li ser isiru Un/Loading Bays mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

- ✓ sabiex sa nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2007 jagħtu r-'write up' tagħhom għall-magażine.

- ✓ li qed isiru x-xogħolijiet f'Paceville tas-sinjali u marki. Peress li hemm ċerti xogħolijiet li jridu jsiru u għad m'hemmx 'Request Sheet' għalihom ser tingħata 'direct order' lill-kuntrattur biex ikompli bix-xogħolijiet.

7.02 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ jsiru Rubber Road Humps fi Triq il-Kbira, Triq il-Knisja u Triq Paceville.

- ✓ L-impjegati tal-Kunsill jingħataw il- performance bonus.

- ✓ Issir laqgħa mas-Supt. Sharon Tanti.

- ✓ Titpoġġa skip oħra ħdejn dik li diġa hemm fejn il-Ġnien ta' Spinola.

7.03 Il-Kunsilliera Karl Gouder u David Borg ġew skużati fil-4.50 p.m.

7.04 Fir-rigward Jum San Ġiljan peress li din is-sena il-5 ta' April 2007 ser ikun Ħamis ix-Xirka ġie deċiż unanimament li l-ħarġa għall-anzjani ssir fil-11 t'April 2007. Il-post jiġi deċiż aktar il quddiem.

7.05 Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li għad hemm xi xogħolijiet pendenti jistennew l-approvazzjoni min-naħa tal-ADT. Ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

7.06 Saret riferenza għall Inc.1343/07 mingħand it-tenur George Saliba. Ġie deċiż illi fil-futur il-Kunsill jikkunsidra s-servizz tiegħu.

7.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil 5.10 p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**